

Brussell, 9 ta' Lulju 2019
(OR. en)

10641/2/19
REV 2

LIMITE

JAI 749
FREMP 88
POLGEN 129
AG 27
ANTICI 8

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Modalitajiet standard għas-smiġħ imsemmi fl-Artikolu 7(1) TUE

1. L-Artikolu 7(1) TUE jipprevedi proċedura li biha l-Kunsill jista' jiddetermina li hemm riskju ċar ta' ksar serju minn Stat Membru tal-valuri msemmija fl-Artikolu 2 TUE. L-Artikolu 7(1) jipprevedi wkoll li qabel ma jagħmel tali determinazzjoni, il-Kunsill għandu jisma' lill-Istat Membru kkonċernat.
2. Il-Kunsill bħalissa qed jieħu konjizzjoni ta' żewġ proċeduri bħal dawn, l-ewwel waħda fir-rigward tal-Polonja, it-tieni waħda fir-rigward tal-Ungerija.
3. Fis-27 ta' Frar 2018, il-Kummissjoni skattat proċedura kontra l-Polonja. Is-seduti ta' smiġħ saru waqt il-laqgħat tal-Kunsill Affarjiet Ġenerali fis-26 ta' Ġunju, fit-18 ta' Settembru u fil-11 ta' Diċembru 2018.
4. Fit-12 ta' Settembru 2018 ġiet attivata proċedura mill-Parlament Ewropew kontra l-Ungerija. Għadha ma saret l-ebda seduta ta' smiġħ.
5. L-istabbiliment ta' modalitajiet standard għal seduti ta' smiġħ skont l-Artikolu 7(1) TUE jgħin fis-simplifikazzjoni tal-proċess u joħloq kundizzjonijiet ekwi għall-Istati Membri kollha involuti u għat-tliet każijiet possibbli (proposta motivata minn grupp ta' Stati Membri, mill-Parlament Ewropew jew mill-Kummissjoni).

6. Ladarba tali modalitajiet ikunu ġew adottati mill-Kunsill, il-Coreper jeħtieġ li jaqbel dwar il-kontenut sostantiv tal-kwistjonijiet li għandhom jiġu koperti minn kull seduta ta' smigħ.
7. L-abbozz ta' modalitajiet standard ġie diskuss fil-laqgħa tal-Grupp Antici fit-2 u d-9 ta' Lulju. Meta mqabbel mal-Anness tad-dokument 10641/1/19 REV1, it-test fl-Anness ta' din in-nota fih emendi editorjali fil-paragrafi 5, 8, 11, 14, 17 u 20.
8. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, huwa ssuġġerit li l-Coreper japprova l-modalitajiet standard kif stipulati fl-Anness ta' din in-nota u jirrakkomanda li l-Kunsill japprovahom fis-sessjoni li jmiss tiegħu fit-18 ta' Lulju 2019.

Modalitajiet standard għas-smiġh skont il-proċeduri fl-Artikolu 7(1) TUE

1. L-Artikolu 7(1) jipprevedi li qabel ma l-Kunsill eventwalment jikkonstata li hemm riskju ċar ta' ksur serju minn Stat Membru tal-valuri msemmija fl-Artikolu 2 TUE jew il-Kunsill jindirizzalu rakkomandazzjonijiet, għandu jinstema' l-Istat Membru li fir-rigward tiegħu tiskatta l-proċedura ("l-Istat Membru kkonċernat").
2. Peress li t-Trattat ma jistabbilixxix modalitajiet speċifiċi għas-smiġh skont l-Artikolu 7(1) TUE, il-modalitajiet standard għas-smiġh huma stabbiliti hawn taħt.

Kontenut

3. Il-kontenut sostantiv tal-kwistjonijiet li għandhom jiġu koperti minn smiġh għandu jiġi approvat mill-Coreper f'konformità mal-ambitu tal-kwistjonijiet li tqajmu fil-Proposta Raġunata li skattat il-proċedura tal-Artikolu 7(1) TUE.

Konfigurazzjoni

4. Huma previsti sa tmien siġġijiet (f'format 3+2+3) għall-Istat Membru kkonċernat. Hemm arranġamenti li jiżguraw li l-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Istati Membri l-oħra jistgħu jiġu assistiti minn membru tad-Delegazzjoni tagħhom fuq il-mejda prinċipali (format 2+3).

A. Każ ta' Proposta Raġunata minn terz tal-Istati Membri

5. Fl-ewwel smiġh, rappreżentant tal-Istati Membri li ppreżentaw il-Proposta Raġunata għandu jippreżentaha; dan ma għandux idum aktar minn 20 minuta. L-Istat Membru kkonċernat għandu mbagħad jingħata l-opportunità li jippreżenta l-fehmiet tiegħu; din il-preżentazzjoni inizjali ma għandhiex iddum aktar minn siegħa. L-Istat Membru kkonċernat jista' dejjem jelabora il-fehmiet tiegħu bil-miktub ukoll. Il-Kummissjoni tista' tipprovdi kummenti jew informazzjoni rilevanti għall-kwistjonijiet koperti mis-smiġh; dan ma għandux idum aktar minn 10 minuti. Sessjoni ta' mistoqsijiet u tweġibiet hija prevista wara dan, skont ir-regoli ppreżentati fil-paragrafu 8.

Fi tmiem is-smiġh, l-Istat Membru kkonċernat jingħata l-opportunità li jippreżenta l-osservazzjonijiet u l-kummenti tiegħu; ma huwa previst l-ebda limitu ta' żmien.

Il-Presidenza tippreżenta konklużjonijiet proċedurali. Mhi inkluża ebda valutazzjoni tas-sustanza tal-kwistjonijiet.

Jekk jiġu organizzati aktar sessjonijiet ta' smiġh, dawn għandhom jiġu strutturati kif stipulat hawn taħt fil-paragrafi 6 sa 10.

6. Fil-bidu ta' kull sessjoni ta' smiġh sussegwenti, rappreżentant tal-Istati Membri li ppreżentaw il-Proposta Raġunata għandu l-possibbiltà li jipprovdi aġġornament dwar il-kwistjonijiet li għandhom jiġu koperti mis-smiġh; dan ma għandux idur aktar minn 15-il minuta. L-Istat Membru kkonċernat jingħata l-opportunità li jippreżenta l-fehmiet tiegħu rigward il-kwistjonijiet imsemmija; dan ma għandux idur aktar minn 20 minuta.
7. Il-Kummissjoni tista' tipprovdi kummenti jew informazzjoni rilevanti għall-kwistjonijiet li għandhom ikunu koperti mis-smiġh; dan ma għandux idur aktar minn 10 minuti.
8. L-Istati Membri huma mistiedna jippreżentaw sa żewġ mistoqsijiet għal kull kwistjoni inkluża fil-kontenut sostantiv lill-Istat Membru kkonċernat. Kull mistoqsija ma għandhiex tkun ta' aktar minn żewġ minuti. L-Istat Membru kkonċernat jingħata l-opportunità li jwieġeb għal kull mistoqsija; it-tweġiba għal kull mistoqsija ma għandhiex tkun itwal minn għaxar minuti. Jekk ikun hemm bżonn ta' aktar kjarifiki, id-delegazzjonijiet jistgħu jagħmlu mistoqsijiet ta' segwitu, filwaqt li jirrispettaw l-istess limitu ta' ħin ta' żewġ minuti. L-Istat Membru kkonċernat jingħata l-opportunità li jwieġeb il-mistoqsijiet ta' segwitu u, fejn neċessarju, jelabora aktar it-tweġibiet tiegħu bil-miktub.
9. Fi tmiem is-smiġh, l-Istati Membri li ppreżentaw il-Proposta Raġunata jingħataw l-opportunità li jagħmlu osservazzjonijiet dwar l-elementi pprovduti mill-Istat Membru kkonċernat; dan ma għandux idur aktar minn 15-il minuta. L-Istat Membru kkonċernat jingħata l-opportunità li jippreżenta l-osservazzjonijiet u l-kummenti tiegħu; ma huwa previst l-ebda limitu ta' żmien.
10. Il-Presidenza tippreżenta konklużjonijiet proċedurali. Mhi inkluża ebda valutazzjoni tas-sustanza tal-kwistjonijiet.

B. Każ ta' Proposta Raġunata mill-Parlament Ewropew

11. Fl-ewwel smiġh, il-Presidenza għandha tirrapporta lill-Kunsill dwar il-kuntatti tagħha mal-Parlament Ewropew dwar il-Proposta Raġunata tiegħu. L-Istat Membru kkonċernat għandu mbagħad jingħata l-opportunità li jippreżenta l-fehmiet tiegħu; din il-preżentazzjoni inizjali ma għandhiex idur aktar minn siegħa. L-Istat Membru kkonċernat jista' dejjem jelabora il-fehmiet tiegħu bil-miktub ukoll. Il-Kummissjoni tista' tipprovdi kummenti jew informazzjoni rilevanti għall-kwistjonijiet koperti mis-smiġh; dan ma għandux idur aktar minn 10 minuti. Sessjoni ta' mistoqsijiet u tweġibiet hija prevista wara dan, kif stipulat fil-paragrafu 14. Fi tmiem is-smiġh, l-Istat Membru kkonċernat jingħata l-opportunità li jippreżenta l-osservazzjonijiet u l-kummenti tiegħu; ma huwa previst l-ebda limitu ta' żmien. Il-Presidenza tippreżenta konklużjonijiet proċedurali. Mhi inkluża ebda valutazzjoni tas-sustanza tal-kwistjonijiet.

Jekk jiġu organizzati aktar sessjonijiet ta' smiġh, dawn għandhom jiġu strutturati kif stipulat hawn taħt fil-paragrafi 12 sa 16.

12. Fil-bidu ta' [...] kull sessjoni ta' smiġh sussegwenti, l-Istat Membru kkonċernat jingħata l-opportunità li jippreżenta l-fehmiet tiegħu fir-rigward tal-kwistjonijiet li għandhom jiġu koperti mis-smiġh; dan ma għandux idur aktar minn 20 minuta.
13. Il-Kummissjoni tista' ttiprovdi kummenti jew informazzjoni rilevanti għall-kwistjonijiet li għandhom ikunu koperti mis-smiġh; dan ma għandux idur aktar minn 10 minuti.
14. L-Istati Membri huma mistiedna jippreżentaw sa żewġ mistoqsijiet għal kull kwistjoni inkluża fil-kontenut sostantiv lill-Istat Membru kkonċernat. Kull mistoqsija ma għandhiex tkun ta' aktar minn żewġ minuti. L-Istat Membru kkonċernat jingħata l-opportunità li jwieġeb għal kull mistoqsija; it-tweġiba għal kull mistoqsija ma għandhiex tkun itwal minn għaxar minuti. Jekk ikun hemm bżonn ta' aktar kjarifiki, id-delegazzjonijiet jistgħu jagħmlu mistoqsijiet ta' segwitu, filwaqt li jirrispettaw l-istess limitu ta' ħin ta' żewġ minuti. L-Istat Membru kkonċernat jingħata l-opportunità li jwieġeb il-mistoqsijiet ta' segwitu u, fejn neċċessarju, jelabora aktar it-tweġibiet tiegħu bil-miktub.
15. Fi tmiem is-smiġh, l-Istat Membru kkonċernat jingħata l-opportunità li jippreżenta l-osservazzjonijiet u l-kummenti tiegħu; ma huwa previst l-ebda limitu ta' żmien.
16. Il-Presidenza tippreżenta konklużjonijiet proċedurali. Mhi inkluża ebda valutazzjoni tas-sustanza tal-kwistjonijiet.

C. Każ ta' Proposta Raġunata mill-Kummissjoni

17. Fl-ewwel smiġh, il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-Proposta Raġunata tagħha; dan ma għandux idur aktar minn 20 minuta. L-Istat Membru kkonċernat għandu mbagħad jingħata l-opportunità li jippreżenta l-fehmiet tiegħu; din il-preżentazzjoni inizjali ma għandhiex idur aktar minn siegħa. L-Istat Membru kkonċernat jista' dejjem jelabora il-fehmiet tiegħu bil-miktub ukoll. Sessjoni ta' mistoqsijiet u tweġibiet hija prevista wara dan, skont ir-regoli ppreżentati fil-paragrafu 20. Fi tmiem is-smiġh, l-Istat Membru kkonċernat jingħata l-opportunità li jippreżenta l-osservazzjonijiet u l-kummenti tiegħu; ma huwa previst l-ebda limitu ta' żmien.

Il-Presidenza tippreżenta konklużjonijiet proċedurali. Mhi inkluża ebda valutazzjoni tas-sustanza tal-kwistjonijiet.

Jekk jiġu organizzati aktar sessjonijiet ta' smiġh, dawn għandhom jiġu strutturati kif stipulat hawn taħt fil-paragrafi 18 sa 22.

18. Fil-bidu ta' kull sessjoni ta' smiġh sussegwenti, il-Kummissjoni għandha l-possibbiltà li ttiprovdi aġġornament dwar il-kwistjonijiet li għandhom jiġu koperti mis-smiġh; dan ma għandux idur aktar minn 15-il minuta.

19. L-Istat Membru kkonċernat jingħata l-opportunità li jippreżenta l-fehmiet tiegħu rigward il-kwistjonijiet imsemmija; dan ma għandux idum aktar minn 20 minuta.
20. L-Istati Membri huma mistiedna jressqu sa żewġ mistoqsijiet għal kull kwistjoni inkluża fil-kontenut sostantiv lill-Istat Membru kkonċernat. Kull mistoqsija ma għandhiex tkun ta' aktar minn żewġ minuti. L-Istat Membru kkonċernat jingħata l-opportunità li jwieġeb għal kull mistoqsija; it-tweġiba għal kull mistoqsija ma għandhiex tkun itwal minn għaxar minuti. Jekk ikun hemm bżonn ta' aktar kjarifiki, id-delegazzjonijiet jistgħu jagħmlu mistoqsijiet ta' segwitu, filwaqt li jirrispettaw l-istess limitu ta' ħin ta' żewġ minuti. Fi tmiem is-smiġħ l-Istat Membru kkonċernat jingħata l-opportunità li jwieġeb il-mistoqsijiet ta' segwitu u, fejn neċessarju, li jelabora aktar it-tweġibiet tiegħu bil-miktub.
21. Fi tmiem is-smiġħ, il-Kummissjoni tingħata l-opportunità li tagħmel osservazzjonijiet dwar l-elementi pprovduti mill-Istat Membru kkonċernat; dan ma għandux idum aktar minn 15-il minuta. L-Istat Membru kkonċernat jingħata l-opportunità li jippreżenta l-osservazzjonijiet u l-kummenti tiegħu; ma huwa previst l-ebda limitu ta' żmien.
22. Il-Presidenza tippreżenta konklużjonijiet proċedurali. Mhi inkluża ebda valutazzjoni tas-sustanza tal-kwistjonijiet.

Eżitu

23. Il-minuti tas-smiġħ jirriflettu l-konklużjonijiet proċedurali. Barra minn hekk, isir rapport formali mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Dispożizzjonijiet tranżitorji u finali

24. Għall-proċeduri skont l-Artikolu 7(1) TUE li bdew qabel ma ġew stabbiliti dawn il-modalitajiet standard għas-smiġħ, il-modalitajiet stipulati f'dan id-dokument għandhom ikunu applikabbli mill-istadju rilevanti li jkun intlaħaq fil-proċedura.
25. Dawn il-modalitajiet standard huma mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kunsill.